A.L. 51 ta' l- 2002

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2002 dwar *Income* minn Investiment

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41B u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi ghamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar *Income* minn Investiment, u għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2002.

Rendikont lill-Kummissarju.

2. Kull min jagħmel hlas ta' *income* minn investiment għandu, sa l-erbatax-il jum li jiġi wara l-aħħar tax-xahar li matulu jkun għamel ħlasijiet ta' *income* minn investiment, flimkien mar-rimessa tat-taxxa mnaqqsa taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att, jibgħat rendikont lill-Kummissarju li jkun jinkludi d-dettalji murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

B 500

SKEDA

(Regolament 2)

Rendikont ta' kull xahar li għandu jintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minn kull pagatur ta' income *minn investiment*

1. Isem u indirizz ta' min iħallas _____

2. Xahar li jagħlaq _____

3. Totali ta' *income* minn investimenti mħallsa matul ix-xahar u totali ta' taxxa mnaqqsa fuqhom (fejn japplika), murija separatament kif jidher hawn taħt:

(a) f'kontijiet denominati bil-lira Maltija, *income* minn investimenti:

(i) mħallsa lil fondi preskritti, kif definiti fl-artikolu 41A(b) ta' l-Att, u li minnhom tkun tnaqqset it-taxxa bir-rata ta' għaxar centeżmi fuq kull lira;

(ii) mħallsa lil fondi preskritti, kif definiti fl-artikolu 41A(b) ta' l-Att, u li minnhom tkun tnaqqset it-taxxa bir-rata ta' ħmistax-il centeżmu fuq kull lira;

(iii) mħallsa lil riċevituri residenti f'Malta, li ma jkunux fondi preskritti, u li minnhom tkun tnaqqset it-taxxa bir-rata ta' ħmistax-il centeżmu fuq kull lira;

(iv) mħallsa lil riċevituri residenti f'Malta li, taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 35 ta' l-Att, għażlu li jitħallsu mingħajr tnaqqis ta' taxxa;

(v) mħallsa lil persuni mhux residenti f'Malta;

(vi) mħallsa lil persuna, li ma tkunx persuna mhux residenti f'Malta, li mhix riċevitur kif definit fl-artikolu 41(c) ta' l-Att;

(b) fil-każ ta' kontijiet denominati f'munita li mhix lira Maltija, *income* minn investimenti specifikati skond il-munita:

(i) mħallsa lil fondi preskritti, kif definiti fl-artikolu 41A(b) ta' l-Att, u li minnhom tkun tnaqqset it-taxxa bir-rata ta' għaxar centeżmi fuq kull lira;

(ii) mħallsa lil fondi preskritti, kif definiti fl-artikolu 41A(b) ta' l-Att, u li minnhom tkun tnaqqset it-taxxa bir-rata ta' ħmistax-il centeżmu fuq kull lira;

(iii) mħallsa lil riċevituri residenti f'Malta, li ma jkunux fondi preskritti, u li minnhom tnaqqset it-taxxa bir-rata ta' ħmistax-il centeżmu fuq kull lira;

(iv) mhallsa lil ricevituri residenti f'Malta li, taht il-provvedimenti ta' l-artikolu 35 ta' l-Att, għażlu li jithallsu minghajr tnaqqis ta' taxxa;

(v) mhallsa lil persuni mhux residenti f'Malta;

(vi) mhallsa lil persuna, li ma tkunx persuna mhux residenti f'Malta, li mhix ricevitur kif definit fl-artikolu 41(c) ta' l-Att.

4. Total ta' taxxa rifuża jew kreditata lil ricevituri, mnaqqsa bi żball f'xi xahar li jkun ġie qabel, jew kif awtorizzat mill-Kummissarju:

(a) kontijiet denominati bil-lira Maltija;
(b) kontijiet denominati f'munita oħra li ma tkunx il-lira Maltija, specifikati skond il-munita.

5. Data _____

6. Firma _____

7. Isem Shih _____

8. Kariga_____